



Brussell, 2 ta' Frar 2018
(OR. en)

5832/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0327 (NLE)**

**COASI 23
ASIE 4
NZ 2
POLGEN 5**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15512/17 INIT + ADD1 JOIN (2017) 44 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termeni ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma - Adozzjoni

1. Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termeni ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma.
2. Wara eżami tal-proposta, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja laħaq qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fis-16 ta' Jannar 2018.

3. Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri huma mistiedna jikkonfermaw il-qbil tagħhom li jintrabtu bir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt għall-perijodu wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u n-New Zealand, min-naħa l-oħra.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta bħala punt "A" d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti fid-dokument 5516/18.